# *Kunsill Lokali Marsaskala*

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

## MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala

## IS-SEBA LEĠISLATURA

### Laqgħa Numru 52

**Il-Ġimgħa 18 ta' Novembru 2016**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala ltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 228 Triq is-Salini Marsaskala fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Desiree Attard – Viċi Sindku
Charlot Mifsud- Kunsillier
Elizabeth Cassar- Kunsillier
Sandro Gatt – Kunsillier
Lawrence Ciantar- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Charlot Cassar – Kunsillier
John B Camilleri – Kunsillier
Daniel Spiteri – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

Is-Sindku Mario Calleja ippresedja l-laqgħa.

**Qari tal-ittri ta' apoloġiji.**

**52.1.1** Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta u qara l-ittra ta' apoloġija ta' Charlot Cassar u l- membri prezenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

**52.1.2** Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta u qara l-ittra ta' apoloġija ta' John B Camilleri u l-membri prezenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

**52.1.3** Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta u qara l-ittra ta' apoloġija ta' Daniel Spiteri u l- membri prezenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

52.2 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

**52.2.1** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 2 artiklu 2.1.1 jekk il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar attendiex għal laqgħa rigward l-appell fuq it-twaqqiegħ tal-eks Jerma.

Is-Sindku qal illi s-Sur Cassar attenda pero ma ħareġ xejn ġdid minn din il-laqgħa.

- Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar daħal għal laqgħa fis-6:06pm.

**52.2.2** Is-Sindku staqsa fuq paġna 3 artiklu 2.1.6 xi ntqal waqt il-laqgħa li attenda għaliha is-Segretarju Ezekuttiv flimkien mal-Kunsillier is-Sur John B Camilleri ġewwa il-Wasteserv sabiex jiddiskutu d-dwal tal-Milied.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech spjega illi hu flimkien mal-Kunsillier John B Camilleri attendew għal laqgħa u ġew infurmati illi l-Wasteserv ser jipprovdu dwal ġodda għal Lokal għal din is-sena. Kompla jgħid illi l-kuntrattur li ser jgħamel id-dwal ma kienx prezenti waqt il-laqgħa pero iltaqa fuq il-post mal-Kunsillier John B Camilleri sabiex jiddiskutu aħjar ix-xogħol li hemm bzonn fil-lokal.

**52.2.3** Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard staqsiet fuq paġna 7 artiklu 3.14 u staqsiet jekk kienx hemm xi zvilupp waqt il-laqgħa li saret rigward l-iskart mormi illegalment f'bini privat u kompliet tgħid illi hi qed tirċievi ħafna ilmenti fuq dan.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi din kienet laqgħa li kellhom jiddiskutuha bħala Reġjun u ma jaħsibx li attenda ħadd mil-Kunsill ta Marsaskala.

Il-Viċi Sindku qalet illi l-ewwel irridu naraw jekk bħala Kunsill inkunux nistgħu nidħlu fi propjeta privata sabiex inaddfu l-iskart mormi illegalment.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi la darba l-post ikun privat hija illegali li tidħol fih anke jekk biex tnaddaf mingħajr il-kunsens tas-sid.

**52.2.4** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 7 artiklu 3.11 u qal illi d-dgħajsa li tpoġġiet fi Triq id-Daħla ta' San Tumas iħoss li hija kbira wisq għall area li tinsab fiha.

Is-Sindku qal illi ma kienx hemm post fejn din titpoġġa, kompla jgħid illi mar il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri ukoll sabiex jara sew jekk id-dgħajsa hux ser tkun qed tidher tajjeb qabel ma din tpoġġiet hemm.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fl-opinjoni tiegħu hu ma kienx ipoġġi id-dgħajsa hemmhekk izda jħoss li kien ikun aħjar kieku tpoġġiet fil-Bajja ta' San Tumas ħdejn tal-ġelat.

Is-Sindku qal illi hu stenna lill-Kunsilliera biex jagħtu l-opinjoni tiegħhom izda ħadd ma għamel dan allura ħa deċizjoni.

*Il-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar ipproponiet l-approvazzjoni tal-minuti u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 4 favur, 0 kontra u 1 astenzjoni.*

*Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.*

**52.3 Komunikazzjoni mis-Sindku.**

**52.3.1** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ġie infurmat min naħa tal-Ministeru tal-Intern u taw is-suġġeriment illi l-għassa tal-pulizija f'Marsaskala issir fit-tela ta Triq Dun Frans Bianco ħdejn ir-rampa ta' ħdejn l-iskola fejn hemm daħla fejn jipparkjaw il-karozzi fil-prezent u hu jħoss li huwa post adattat.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi fil-fehma tiegħu ser tkun f'post mhux daqstant tajjeb għal persuni anzjani sabiex imorru hemmhekk bil-pass.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk din l-għassa hux qiegħda fuq pjan wieħed jew fiha aktar sulari.

Is-Sindku għadda lill-Kunsilliera pjanta ta' kif inhi proposta li ssir din l-għassa u f'din il-pjanta hemm indikat illi l-għassa ser ikolla zewġ sulari.

**52.4.1 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera.**

**52.4.2** Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

**52.5.1 Rapporti.**

**52.5.2** Ma kien hemm l-ebda rapport.

**52.6 <u>Ħatra ta' Assistent Prinċipal wara sejħa interna li saret fil-Kunsill Lokali (35/4230/16/I):</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech informa lill-Kunsill illi fl-aħħar laqgħa li kellu l-Kunsill ġie deċiz sabiex toħroġ sejħa interna għall-Assistent Prinċipal, kompla jgħid illi l-unika persuna illi applikat għal dan il-post kienet is-Sinjura Sharon Schembri.

Il-Kunsill qabel unanimament illi s-Sinjura Sharon Schembri tinħatar bħala Assistent Prinċipal.

**52.6.1 <u>Korrispondenza dwar l-open top buses service u l-possibilita' li tibda tiġi fil-Lokalita' ta' Marsaskala (35/4227/16/0):</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Foundation for Tousim Zone Development kelmu lilu rigward is-servizz tal-Open bus fil-Lokalita' ta' Marsaskala kompla jgħid illi dan is-servizz għat-turisti kien diġa jsir pero kien waqaf u issa qed jipproponu li jerġa jibda. Il-Kunsill irrid jiddeċiedi il-postijiet li għandhom jieqfu fiha għaliex dawn għandhom bzonn li jkollhom landmarks tal-Lokalita'.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi landmarks jistgħu jkunu l-promenade fejn hemm il-knisja kif ukoll il-Magħluq Torri Mamo u s-Salini

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi infurmawna illi huma ser jgħaddu l-flus lill-Kunsill, u l-Kunsill joħroġ is-sejħa għall-offerti sabiex isir xi tibdil fis-software sabiex tkun inkluza l-lokalita' ta' Marsaskala flimkien mal-Lokalitajiet li hemm fil-prezent.

Il-Kunsill qabel unanimament illi din il-korrispondenza tiġi pprezentata fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss meta jkun hawn il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar għaliex hu parti mill-kumitat tat-Tourism Zone Development u jkun jista jispjega aħjar rigward dan.

52.6.2 **<u>Pjanti li l-Kunsill irċieva rigward is-simenta faċċata tal-knisja mill-Foundation for Tourism Zone Development:</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech spjega lill-Kunsill illi rċivejna pjanti tal-proġett propost li jsir quddiem il-Knisja.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi kif jidher fil-pjanta ser inkunu qed nitiflu l-pjazza u qal illi kieku c-central strip li hemm proposta titmexxa jew inkella jsir oġett ieħor fejn ikun jista jizzarma sabiex fis-sajf xorta jkunu jistgħu jsiru l-attivitajiet f'din il-pjazza ikun idejali.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard staqsiet jekk dan il-proġett jinkludix ukoll l-baħar tal-madwar.

Is-Sindku rrisponda li l-baħar mhuwiex inkluz f'dan il-proġett.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi fil-laqgħa tal-Kunsill preċedenti il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar kien ppropona illi fit-traffic island toħroġ construction build out fejn hemm iz-zebra crossing.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-Kunsill jinforma lit-tlett Kunsillier assenti u ngħaddulhom is-suġġerimenti li ħarġu f'din il-laqgħa.

52.6.3 **<u>Ikla tal-Milied u reception li ssir kull sena:</u>**

Is-Sindku spjega lill-Kunsill illi mit-tlett kwotazzjoni li nġabru l-irħas kwotazzjoni għal-ikla tal-istaff u Kunsillier għal-Milied hija dik tal-ħanut Cassarini li hija ta' €30 inkluz id-drinks u l-inbid.

Il-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sindku informa lill-Kunsill illi l-Bibita ser issir fis-7 ta' Jannar 2017 taħt it-tindet ta' Grabiel f'Marsaskala, kif ukoll illi l-ikla ta' l-anzjani ser issir fl-14 ta' Jannar 2017 u fit-22 ta' Dicembru isir il-kunċert fis-Sala ta' taħt il-knisja.

Kien hemm qbil unanimu illi għal-ikla tal-anzjani trid tkun pprezentata l-kartanzjan.

52.6.4 **<u>Ċirkulari 36/2016- Templates tal-Agenda u l-minuti (35/4276/16/I):</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech informa lill-Kunsill illi l-Agenda tal-Kunsill ġiet mibdula min naħa tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali u fost l-affarijiet li nbiddlu hija dik li l-Kunsilliera li jkunu jixtiequ li jqajjmu xi punti waqt il-laqgħa jistgħu jgħamlu dan biss kemm il-darba jkunu bagħtu l-mistoqsija tagħhom min qabel lill-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hu ma jaqbilx ma dan minħabba l-fatt illi jekk hu jkun ra xi ħaġa li hemm bzonn tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill fil-ġurnata tal-laqgħa dan ma jkunx jista jiddiskutiha u jrid jistenna laqgħa oħra. Kompla jgħid illi waħda mill-affarijiet li xtaq jgħid kienet li l-isprall li sar taħt il-bandli ħareġ minnu ammont kbir ta' ilma fil-maltempata li saret, kompla jgħid illi tajjeb jekk isiru fethiet zgħar fic-central strip ta' faċċata sabiex l-ilma jkun jistgħa jibqa għaddej minn ġo dawn l-islots.

Is-Sindku qal li tkellem ma s-Sur Mario Farrugia tal-Karmig biex isir xi culvert għan-nofs it-triq u jibqa sejjer lejn il-baħar.

Is-Segretarju Ezekuttiv tkellem mall-Kunsilliera rigward l-allowance tagħhom u kif min ma jattendiex għal laqgħa tal-Kunsill jitnaqqaslu l-allowance pro rata.

Il-Kunsilliera qalu illi jħossu li dan mhux ġust u jinsabu dizgustati li x-xogħol tagħhom jidher ċar li mhux jiġi apprezzat.

**52.6.5 <u>Transport Pubbliku f'Marsaskala (35/4491/16/I):</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi t-Transport Malta informaw lill-Kunsill illi qed jipprovaw itejbu s-servizz tar-rottot tal-karozzi tal-linja u qabdu t-tlett rottot 91,92 u 204 bgħatu kif tinsab ir-rotta fil-prezent u r-rotta proposta min naħa tagħhom.

Is-Sindku qal illi fil-prezent ma hemmx servizz sabiex in-nies ikunu jistgħu jitilgħu mil-venda għal Triq Sant Anna, Triq San Ġwakkin u tibqa tiela iz-Zonqor u jħoss li kieku jkunu qed jgħatu servizz ferm aħjar.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi r-rotta numru 91 jħoss li hija tajba kif proponewa huma pero ir-rotta bin-numru 92 titla darba biss lejn iz-Zonqor.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard qalet illi ir-rotta tan-numru 92 hemm bzonn li zzid il-frekwenza lejn iz-Zonqor għaliex kull siegħa mhuwiex bizzejjed.

Il-Kunsill qabel unanimamet illi ir-rotta 91 għandha issir kif proposta r-rotta 92 għandha tibqa dik ezistenti pero għandha izzid il-frekwenza lejn iz-Zonqor għal kull nofsiegħa minflok kull siegħa.

**52.6.6 <u>Appell 0292/16- PA/03310/16 sit corner view Triq ix-Xatt Marsaskala (35/4516/16/I):</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv beda billi qal illi għalkemm il-Kunsill għamel l-oġezzjoni tiegħu rigward zieda fl-imwejjed u siġġijiet tal-ħanut Corner view fil-parkeġġ ta' ħdejn il-ħanut dan xorta inħariġlu l-permess sabiex jinħarġu l-imwejjed u siġġijiet fit-triq. Huwa qal illi meta s-sid tal-ħanut applika mal-Planning Authority, il-Planning Authority kkonsultaw mat-Transport Malta mal-Malta Tourism Authority kif ukoll mal-Lands Department fejn finalment dawn l-entitajiet kollha qablu li jgħatu permess lis-sid tal-ħanut fi zmien 24 siegħa, is-Segretarju Ezekuttiv zied jgħid illi meta hu avviċina lis-sid fuq il-post u staqsieh jekk għandux il-lease agreement tal-Lands Department hu wieġbu illi għandu.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi fil-magazin tal-Kunsill xorta ser jidher artiklu rigward dan għaliex għalkemm il-Kunsill bagħat press release lill-gazzetti ħadd ma ppublika.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal issa kif ġew l-imwejjed u siġġijiet mill-ġenb bniedem bil-pushchair lanqas ikun jista jgħaddi.

Is-Sindku qal illi pprefera jieħu parti mill-bankina milli zewġ parkeġġi.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-bankina mhijiex wiesgħa bizzejjed biex jitpoġġew l-imwejjed u siġġijiet u jitħalla spazzju ta 1.2m.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Perit tal-applikant irrisponda għal appell illi sid il-ħanut qiegħed konformi mal-policies il-ġodda li nħarġu mil-PA u allura l-appell tal-Kunsill ma jagħmilx sens.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-Perit ma semmiex illi l-outside catering diġa għandu biċċa mill-ħanut li ġet imsaqqfa bl-injam u li ġiet legalizzata u baqgħat hemmhekk.

Il-Viċi Sindku qalet illi dik issa ġiet parti mill-bini u m'għadiex bitħa.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi waħda mill-affarijiet li sid il-ħanut kellu jagħmel kienet li jneħħi l-aircondition minn fuq is-saqaf tal-ħanut għaliex dawn ma kienux konformi mal-liġi u s'issa neħħijom.

### 52.6.7 PA6904/16- Applikazzjoni mingħand Stefanel Pjazza Mifsud Bonnici Marsaskala:

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech spjega illi l-kunsill irċieva applikazzjoni ġdida mill-istabbiliment Stefanel li jinsab fi Pjazza Mifsud Bonnici sabiex jizdiedu l-imwejjed u siġġijiet ma dawk li diġa għandu fil-prezent fejn dawn ser jiġu viċin ħafna tal-equipment li hemm fil-bandli.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi skond kif qed jifhem hu l-imwejjed u siġġijiet ser jiġu jmissu mat-tapit tal-lakstu li hemm fil-bandli.

Il-Viċi Sindku Desiree Attard qalet illi l-bankijiet u signs huma propjeta tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi inutli l-Kunsill ser joġezzjona għal din l-applikazzjoni meta l-MEPA u l-Lands ħolqu preċedent fil-mument li ingħata permess lill-istabbiliment ieħor sabiex joħroġ aktar imwejjed u siġġijiet li qiegħed fl-istess pjazza, kompla jgħid illi wara dan l-istabbiliment ser ikun hemm ħwienet oħra li jitolbu għall aktar imwejjed u siġġijiet u b'hekk iħoss li l-bandli m'għadux safe għat-tfal u jista jizzarma għaliex ġie imnaqqar mill-ħwienet tal-madwar. Is-Sur Ciantar kompla jgħid illi anke ħanut ieħor fil-bandli fejn il-Kunsill ma kienx approva li joħroġ aktar imwejjed u siġġijiet hu xorta ħariġhom u ma tax kaz dak li qal il-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi dawn l-imwejjed u siġġijiet ser ikunu qed jgħalqu l-aċċess għall-pubbliku.

Il-Kunsill qabel unanimament illi joġezzjona għal din l-applikazzjoni minħabba li ma jistax ikun li jkollok tfal ta' ċertu eta jkunu qed jilgħabu fil-bandli filwaqt li jaraw in-nies ipejpu u jixorbu l-alcohol u dan zgur ma jkopprix il-health and safety tat-tfal u barra min hekk mhux ser ikun hemm distanza bejn il-playing equipment għal ħdejn l-istruttura tal-ħanut apparti l-fatt li se jkun qed jagħlaq aċċess pubbliku.

## 52.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:

*Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree' Attard ipproponiet l-approvazzjoni tal-minuti u l-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar issekondat. Il-votazzjoni kienet 5 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.*

*Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.*

## 52.8 Mozzjonijiet:

### 52.8.1 Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u ssekondata mis-Sur Charlot Mifsud (#140 – 11/11/16):

Din il-mozzjoni ser tiġi pprezentata fil-laqgħa li jmiss minħabba li l-Kunsillier li ressaq din il-mozzjoni huwa assenti.

### 52.9.1 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

L-aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-8.00pm. il-laqgħa li jmiss ser issir Nhar il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2016 fis-6.00pm.

Konfermati, illum 19 ta' Novembru 2016.

IFFIRMATA

______________

**Josef Grech**
Segretarju Ezekuttiv

IFFIRMATA

_______________

**Mario Calleja**
Sindku